# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 3 ta' Mejju 2023

Talba numru: 137/2021 CL

**J&K Car Rentals Co Ltd (C67554)**

**VERSUS**

**Dom Distributors Ltd (C75962), Sierra Distributors Ltd (C74671), Josef Grech (KI 0267081M) u Doreen Farrugia Grech (KI 167979M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Mejju 2021, fejn is-socjeta attrici li topera negozju ta' kiri ta' vetturi, kienet kriet zewg vetturi bin-numru NQZ 795 u EQZ468, lill-konvenuti ghal perjodu mit-28 ta' Settembru 2020 sat-12 ta' Frar 2021, liema kirja tinkludi multa li inharget fil-perjodu li l-vetturi kienu fil-pussess taghhom. Il-kirja flimkien mal vat u l-multa jammonta ghal €4,094.24. Illi minkejja li l-konvenuti gew debitament interpellati baqghu moruzi. Ghaldaqstant, is-socejta attrici talbet lit-Tribunal jordna u jikkundana lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef u erbgha u disghin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,094.29) bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali prezentata ai termini tal-Art 166A numru 364/2021 inkluz tal-istess ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru 526/2021.

Illi fid-19 ta' Awwissu 2021 il-konvenuti dahlu risposta fejn l-ewwel eccezzjoni kienet li t-talbiet attrici huma infondatl fill-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma gew interpellati ufficjalment ghal hlas kif mitlub, izda s-socjeta rikorrenti ipprosegwiet permess tal-kawza odjerna u ghaldaqstant m'ghandhomx jbattu l-ispejjez ta' din il-kawza. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi mir-riferta li tinsab a foll 9 tal-process Doreen Farrugia Grech giet nnotifikata fit-18 ta' Gunju 2021 u hi kienet infurmat lill-marixall illi l-intimati l-ohra u coie Don Distributors Ltd, Sierra Distributors Ltd u Joseph Grech ma

kienux ghadhomx fl-indirizz insemmi. It-Tribunal ra d-dokumenti li gew pprezentati li juri li l-intimata Doreen Farrugia Grech kienet direttur u segretarja taz-zewg socjetajiet intimati u ghalhekk ma setghetx tirrifjuta n-notifika taghhom ghax ma kien sar ebda tibdil ufficjali u b'hekk kienu kontumacja u ghalhekk ir-risposta li kienet ppreżentata fl-isem il-konvenuti kollha kienet ser tigi ikkonsidrata biss f'isem Josef Grech.

Fil-25 ta' Mejju 2022, semghet lil Clayton Saliba Hersey direttur ta' J&K Car Rental Co Ltd jixhed li kienu jofru servizz ta' kiri ta' karozzi u kienu krew van tat-tip Peugeot Partner bin-numru EQZ468 u karozza Peugeot 108 bin-numru NQZ795 bejn Settembru 2020 u Frar 2021 lil Josef Grech ghax-xoghol tal-kumpaniji tieghu Dom Distributors u Sierra Ltd. L-ammont kien ta' madwar €4000 u ma thallas xejn minn dan l-ammont ghalkemm kienu hadulu l-karrozzi lura u baqa' jghidilhom li kien ser jhallas. Fit-28 ta' Settembru 2022 xehdet Claudia Diacono ghal MBR li ipprezentat M&A ta' Dom Distributors Ltd u Sierra Distributors Ltd li juru li dawn iz-zewg kumpaniji kienu fil-fatt gew *struck off* fil-21 ta' April 2021 propju qabel ma giet ipprezentata l-kawza odjerna. Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi stante li z-zewg socjetajiet konvenuti ma kienux jezistu meta fil-fatt bdiet il-kawza ma tistax tintlaqa' t-talba fil-konfront taghhom. Ma tistax lanqas tintlaqa' t-talba fil-konfront ta' Doreen Farrugia Grech, li ghalkemm kontumacja it-Tribunal ghandu jkun konvint illi t-talba giet ipprovata fil-konfront taghha, izda ma ingiebet ebda prova li kien hemm xi relazzjoni bejnha u s-socjeta attrici. A rigward tal-konvenut Josef Grech ma saret ebda prova min-naha tieghu sabiex jikkontesta dak mitlub mis-socjeta attrici, u ghalhekk dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn dak mitlub u li xehed dwarha d-direttur tas-socjeta attrici m'ghandux jigi emmnut.

Ghaldaqstant,in vista ta' dak li giet ipprezentat waqt din il-kawza it-Tribunal jaqta' din it-talba billi ma tilqax it-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti stante li iz-zewg socjetajiet gew ikkancellati (*struck off*) qabel ma infethet il-kawza odjerna.Ma jilqax it-talba fil-konfront tal-konvenuta Doreen Farrugia Grech billi ma tirizultax fil-konfront taghha. Jilqa' t-talba fil-konfront tal Josef Grech u jikkundana lil Josef Grech jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef u erbgha u disghin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,094.29) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna[1]. Bl-ispejjez tas-socjeta attrici u tal-konvenut Josef Grech ghandhom jithalsu mill-istess Josef Grech, filwaqt illi l-ispejjes taz-zewg socjetajiet konvenuti u tal-konvenuta Doreen Farrugia Grech ghandhom jithalsu mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Stante li ghalkemm saret referenza ghall-ittra ufficjali, ma giet ipprezetata l-ebda kopja taghha f'dawn il-proceduri